



Brussell, 11 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10824/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0011(COD)

TRANS 288
MAR 94
CODEC 1458
IA 138

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	6008/24
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2005/44/KE dwar is-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS) fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità – Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-31 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna modifika tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi armonizzati ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità¹.

¹ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152.

3. Id-Direttiva 2005/44/KE tistabbilixxi qafas għall-varar u l-użu ta' servizzi armonizzati, interoperabbli u miftuħa tal-informazzjoni tax-xmajjar¹ bil-għan li jżiedu s-sikurezza, l-effiċjenza u l-kompatibbiltà ambjentali tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni (IWT). Hija tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar kif l-RIS jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, l-oqsma li fihom jeħtieġ li jiġu żviluppati l-istandards u l-prinċipji li għandhom jiġu segwiti.
4. Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ex post² tad-Direttiva fl-2021. Hija kkonkludiet li l-varar tal-RIS għadu bil-mod u frammentat, li jxekkel il-kompetittività u s-sikurezza tas-settur, u jżomm lura l-kontribut tiegħu għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
5. Ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha l-għan li tindirizza l-problemi identifikati. Din għandha tliet oġġettivi ewlenin:
 - ikunu żgurati d-disponibbiltà tad-data tal-RIS u standards armonizzati;
 - tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-IWT fil-katina multimodali; u
 - ikunu żgurati adozzjoni u interoperabbiltà akbar tas-soluzzjonijiet diġitali, u jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-protezzjoni tad-data.
6. Il-Kummissjoni adottat il-proposta fil-kuntest tal-Programm tagħha dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT). Il-proposta hija bbażata fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt³ li kienet imnebbħa minn studju ta' appoġġ estern.

¹ Is-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS) huma servizzi u funzjonalitajiet avvanzati li jirreferu l-aktar għal aspetti relatati mat-traffiku jew relatati mat-trasport tan-navigazzjoni interna. Is-servizzi relatati mat-traffiku huma s-Servizz tal-Informazzjoni dwar il-Kanali Navigabbli, l-Informazzjoni dwar it-Traffiku, il-Ġestjoni tat-Traffiku, u l-Monitoraġġ tat-Traffiku u t-Tnaqqis tad-Diżastri; filwaqt li s-servizzi relatati mat-trasport huma l-ippjanar tal-vjaġġi, il-ġestjoni tal-portijiet u tat-terminals, il-ġestjoni tal-merkanzija u tal-flotot, l-istatistika, u l-imposti tal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

² SWD(2021) 0050 final.

³ 6008/24 ADD 4 + ADD 5

II. EŻAMI MILL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

7. Fis-17 ta' April 2024, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sur Tom Berendsen (PPE, Netherlands) bħala rapporteur.
8. Fl-24 ta' April 2024, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta¹. Fid-9 ta' Frar 2024, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

III. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

9. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu ddiskuta l-proposta f'sitt laqgħat, li bdew fi Frar 2024. Id-delegazzjonijiet kollha esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-oġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jittejbu s-sikurezza, l-effiċjenza, u l-ħarsien ambjentali tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni (IWT). Il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-proposta fid-dettall u ddiskuta diversi proposti ta' kompromess imressqa mill-Presidenza.
10. Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Ġunju, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-appoġġ tiegħu għall-aktar kompromess reċenti u rrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill TTE (Trasport) tat-18 ta' Ġunju 2024.
11. Saru għadd ta' bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni. Ħafna minn dawn il-bidliet għandhom l-għan li jiżguraw iċ-ċarezza dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-koerenza teknika. Hemm ukoll bidliet oħra ta' sustanza li għandhom jiġu nnutati, kif ġej.
12. Il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-passaġġi fuq l-ilma interni kollha li huma parti min-network trans-Ewropew tat-trasport TEN-T. Konsegwentement, id-Direttiva ssir applikabbli għal diversi Stati Membri li s'issa għadhom ma implimentawx l-RIS, minħabba li mhumiex konnessi direttament ma' passaġġi fuq l-ilma interni minn Stati Membri oħra. Fis-sitwazzjoni partikolari tagħhom, l-operazzjonijiet fil-passaġġi fuq l-ilma interni huma essenzjalment operazzjonijiet nazzjonali u ma għandhomx element transfruntier. Dawn l-Istati Membri qajmu dubji dwar il-valur miżjud tal-implimentazzjoni tal-RIS; skont il-valutazzjoni tagħhom, din iġġib magħha kostijiet u piżijiet

¹ 10350/24

amministrattivi sinifikanti, mingħajr ebda benefiċċju għas-suq intern jew għall-funzjonament ġenerali tas-sistema tat-trasport. Ħafna drabi, l-operazzjonijiet fil-passaġġi fuq l-ilma interni diġà jkunu koperti minn sistemi marittimi f'dawn il-pajjiżi. Barra minn hekk, jenħtiegħ li jiġi nnotat li l-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni ma kkunsidratx il-konsegwenzi finanzjarji u amministrattivi ta' din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

13. Għal dawn ir-raġunijiet, il-formulazzjoni tal-Artikolu 2 ġiet riveduta: id-Direttiva tkompli tapplika fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni u fuq il-portijiet interni li jagħmlu parti min-network trans-Ewropew tat-trasport u li huma *direttament konnessi* mal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet interni ta' Stat Membru ieħor (u li huma wkoll parti min-Network TEN-T). Id-dispożizzjoni eżistenti fl-Artikolu 2(2), li tippermetti lill-Istati Membri japplikaw id-Direttiva fuq bażi volontarja fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, tibqa' l-istess.
14. Ir-rabta diretta bejn l-RIS u s-sistemi tal-IT ta' modi oħra bħall-EMSW u l-eFTI tħassret fit-test fuq talba ta' diversi Stati Membri u ġiet iċċarata fi premessa.
15. Il-mekkaniżmu għat-trattament tal-ilmenti propost mill-Kummissjoni (l-Artikolu 8a) tqies mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bħala preskrittiv wisq. Tali mekkaniżmi diġà jeżistu fil-livell nazzjonali u ħafna delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar iż-żieda fil-piż amministrattiv li tali dispożizzjoni ggħib magħha; diversi Stati Membri saħansitra qiesu li t-test propost jikser l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Għaldaqstant, l-artikolu tħassar.
16. L-Istati Membri ma appoġġawx il-proposta tal-Kummissjoni li tippermetti li l-Anness I jiġi aġġornat permezz ta' att delegat. Dan l-anness jistabbilixxi l-lista ta' data rilevanti li trid tiġi pprovduta lill-utenti tal-RIS, u kwalunkwe bidla f'din il-lista jista' jkollha konsegwenzi finanzjarji sinifikanti. It-tieni, in-neċessità ta' tali proċedura ssimplifikata ma hijiex verament iġġustifikata, peress li fl-aħħar 19-il sena mill-adozzjoni tad-direttiva inizjali ma kienx hemm bżonn li tiġi aġġornata din il-lista.
17. Fl-aħħar nett, l-iskadenza għat-traspożizzjoni proposta mill-Kummissjoni (sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja) tiġi estiża għal 3 snin.

18. Il-proposta kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt¹. Dik il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata u eżaminata bir-reqqa f'laqgħa tal-grupp ta' ħidma. Il-kummenti li saru kienu relatati l-aktar mal-implikazzjonijiet tal-estensjoni proposta tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.
19. F'dan l-istadju tal-proċedura, il-Kummissjoni żżomm riżerva proċedurali dwar l-emendi kollha għall-proposta tagħha.

IV. AZZJONI MITLUBA MILL-KUNSILL

20. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq *approċċ ġenerali* dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/44/KE dwar is-servizzi armonizzati tal-Infurmazzjoni tax-xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità, abbażi tat-test li jinsab fl-Anness ta' din in-nota.

¹ 6008/24 ADD 4 + ADD 5.

2024/0011 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2005/44/KE dwar is-Servizzi Armonizzati tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (RIS) fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² tistabbilixxi qafas għall-varar u l-użu tas-servizzi armonizzati tal-infurmazzjoni tax-xmajjar ("RIS") fl-Unjoni. Il-varar tal-RIS fil-passaġġi fuq l-ilma interni jappoġġa s-sikurezza u l-effiċjenza tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, u fuq kolloxx is-sostenibbiltà tiegħu, billi jżid l-effiċjenza tal-operazzjonijiet fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

¹ ĠU C , , p. .

² Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2005/44/oj>).

- (2) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2005/44/KE, is-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni bbenefika mill-forniment ta' RIS armonizzati. Iżda l-livell tal-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri jvarja, u l-proċess biex jiddaħħlu l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa jidher li ħa ħafna żmien. Fl-istess ħin, il-Patt Ekoloġiku Ewropew³ qed jitlob biex tkompli tinħoloq mobbiltà multimodali awtomatizzata u konnessa, u li l-RIS jenħtieġ li jiġu adattati biex jindirizzaw dawk l-isfidi l-ġodda. Barra minn hekk, l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelligenti⁴ tippromovi r-reviżjoni tad-Direttiva 2005/44/KE fost il-miżuri tagħha biex jintlaħaq l-oġettiv tal-promozzjoni tal-ħolqien ta' sistema tat-trasport verament intelliġenti, allokkazzjoni effiċjenti tal-kapaċità u ġestjoni tat-traffiku. Il-pjan ta' azzjoni NAIADES III⁵ jindika li biex jiġi appoġġat l-oġettiv li l-passaġġi fuq l-ilma interni jkunu parti minn sistema bla skossi ta' RIS armonizzati sal-2030, ir-reviżjonijiet tal-qafas legali dwar l-RIS ikollhom l-għan li jgħinu biex jixxejnu l-lakuni eżistenti fl-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà ma' mezzi oħra tat-trasport, u biex jiżdiedu d-disponibbiltà, l-użu mill-ġdid u l-interoperabbiltà tad-data tas-sistemi diġitali, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għad-Data⁶. Dawk il-bidliet u l-iżviluppi, kif ukoll l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/44/KE, jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu adattati l-RIS.
- (3) Fl-interess tal-adozzjoni ta' approċċ koerenti għall-interoperabbiltà fis-settur tas-servizz pubbliku, meta jiġu implimentati l-Ambjent Ewropew tal-RIS u soluzzjonijiet oħra fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-att, jenħtieġ li jiġu segwiti l-prinċipji stabbiliti fl-aħħar Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF)⁷, kif awtorizzat bl-Artikolu 6 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal interoperabbiltà ta' livell għoli fis-settur pubbliku madwar l-Unjoni kollha (l-Att dwar Europa Interoperabbli)⁸.

³ COM/2019/640 final.

⁴ COM/2020/789 final.

⁵ COM/2021/324 final.

⁶ COM/2020/66 final.

⁷ COM/2017/134 final.

⁸ COM/2022/720 final.

- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013⁹ jistabbilixxi rekwiżiti għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport ("TEN-T")¹⁰ biex jinkiseb il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, u għandu l-għan li jiżgura li l-istess servizzi ta' kwalità għolja jkunu disponibbli u kompatibbli mas-sistemi ta' mezzi oħra tat-trasport tul dan in-network.
- (5) Minħabba li l-maġġoranza tal-vjaġġi tal-bastimenti interni huma ta' natura internazzjonali, l-RIS jenħtieġ li jkunu ffukati fuq daww il-passaġġi fuq l-ilma interni li jkunu parti mit-TEN-T u konnessi direttament mal-passaġġi fuq l-ilma interni ta' Stat Membru ieħor li jkunu parti mit-TEN-T, u li għalhekk huma ta' importanza kbira għall-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li minn jeddhom ikunu jistgħu jibqgħu jwessgħu r-rekwiżiti tal-RIS għal partijiet min-network tal-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom, ħliet għal daww inklużi fit-TEN-T, biex iqisu l-ispeċifità jiet nazzjonali. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdur RIS f'kuntest transfruntier minn wiehied miż-żewġ Stati Membri kkonċernati. L-awtorità jiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw għall-fini tal-forniment ta' dawn l-RIS fuq passaġġi fuq l-ilma interni tranfruntieri.
- (5a) Minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Russja fil-qasam tal-RIS la hija xierqa u lanqas fl-interess tal-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-kooperazzjoni transfruntiera dwar l-RIS mar-Russja ma għadhiex prijorità fit-territorju tal-Istati Membri.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1315/oj>).

¹⁰ Il-politika tal-UE dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport, il-politika tat-TEN-T, hi strument ewlieni għall-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport koerenti, effiċjenti, multimodali u ta' kwalità għolja madwar l-UE. Dan jinkludi l-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni, ir-rotot tat-trasport bil-baħar fuq distanzi qosra u t-toroq li jgħaqqdu n-nodi urbani, il-portijiet tal-baħar u interni, l-ajruporti u t-terminals.

- (6) L-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/44/KE uriet l-importanza li jissaħħu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati mal-forniment tad-data dwar in-navigazzjoni u l-ippjanar tal-vjaġġi, biex jitlejbu l-kwalità u t-tempestività tal-informazzjoni pprovduta lill-utenti tal-RIS. Is-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tad-Data ta' Referenza ("ERDMS") fiha d-data ta' referenza u l-listi ta' kodiċijiet meħtieġa għal-funzjonament xieraq tal-RIS u twaqqfet u attwalment qed titħaddem mill-Kummissjoni. Fil-futur, it-tħaddim tal-ERDMS jista' jiġi ttrasferit lil parti terza.
- (7) Id-disponibbiltà għall-utenti tal-RIS, waqt in-navigazzjoni, ta' informazzjoni aġġornata u preċiża rigward il-kundizzjoni tal-kanali navigabbli u ta' punti speċifiċi bħal pontijiet, imgħalaq u portijiet interni, jenħtieġ li ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Għalhekk, l-RIS jenħtieġ li jkun jinkludu skambji aġġornati tad-data b'ġestjoni parzjalment u kompletament awtomatizzata tas-sistemi infrastrutturali tal-imgħalaq u l-pontijiet mobbli kif ukoll ma' sistemi komunitarji tal-port tal-portijiet interni.
- (8) Sabiex l-RIS jippermettu interkonnessjoni mal-katina loġistika, hu importanti li l-informazzjoni tiġi kondiviża mhux biss mal-utenti tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni (eż. permezz ta' sistemi komunitarji tal-port ta' portijiet interni u sistemi intelliġenti ta' infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni), iżda anki mas-sistemi u l-applikazzjonijiet ta' mezzi oħra tat-trasport. Jenħtieġ li s-Single Windows Nazzjonali Marittimi ("MNSW") fl-ambjent tas-Single Window Marittima Ewropea ("EMSW")¹¹ jippermettu r-rapportar armonizzat tal-bastimenti madwar l-Unjoni kollha fit-trasport marittimu. L-iskambju tal-informazzjoni relatata mat-traffiku, bħall-ħinijiet tal-wasla u tat-tluq, jiżgura l-interoperabbiltà, il-multimodalità u l-integrazzjoni bla xkiel tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni ("IWT") mal-katina loġistika ġenerali. Jenħtieġ li l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija ("eFTI") tiffurma l-bażi għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-merkanzija ta' oġġetti u skart perikolużi bejn l-utenti tal-RIS, fejn meħtieġ. Meta jkun meħtieġ, l-RIS jenħtieġ li jiffaċilitaw rabtiet mas-sistemi diġitali u ma' pjattaformi ta' mezzi oħra tat-trasport u jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għalihom.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1239/oj>).

- (9) L-iskambju tal-informazzjoni bejn il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet interni, pereżempju dwar id-disponibbiltà tal-installazzjonijiet tal-port, il-ħinijiet operatorji, jew informazzjoni dwar il-bastimenti u l-merkanzija mhux dejjem ottimali, u dan jimpatta l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-IWT. L-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet għandha importanza partikolari fil-promozzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tas-settur. Biex jiġi ssimplifikat u razzjonalizzat l-iskambju ta' din l-informazzjoni u tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-settur, hu importanti li dawn l-iskambji jsiru parti mill-RIS u li jiġu żviluppati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa.
- (10) L-użu ta' pjattaforma diġitali unika għall-RIS jenħtieġ li jissimplifika d-dispożizzjoni tal-RIS, itejjeb l-effiċjenza fl-operazzjonijiet tal-IWT u jnaqqas il-piż għall-fornituri u l-utenti tal-RIS. Dik il-pjattaforma ("l-Ambjent Ewropew tal-RIS") jenħtieġ li tappoġġa s-servizzi rilevanti, tkun punt ċentrali għall-iskambju tal-informazzjoni tal-RIS fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll ma' mezzi oħra tat-trasport, u għalhekk issir is-sinsla diġitali ewlenija għall-forniment tal-RIS fl-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għat-tħaddim tal-Ambjent Ewropew tal-RIS. Dawn l-awtoritajiet huma kontrolluri bl-iskop li jħaddmu l-Ambjent Ewropew tal-RIS.
- (11) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-introduzzjoni tal-Ambjent Ewropew tal-RIS, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-qafas għall-iżvilupp u għall-funzjonament tal-pjattaforma. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹²
- (11a) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi ġirien, hija rilevanti sabiex jiġu żgurati l-konnessjoni u l-interoperabbiltà bejn l-Ambjent Ewropew tal-RIS u l-RIS nazzjonali ta' dawn il-pajjiżi terzi.

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (11b) L-Istati Membri, jekk ikun xieraq b'kooperazzjoni mal-Unjoni, jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-kaptani, lill-operaturi, lill-aġenti jew lis-sidien tal-bastimenti li jinnavigaw fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom u lit-trasportaturi jew lis-sidien tal-merkanzija li tinġarr abbord tali bastimenti biex japprofittaw bis-sħiħ mis-servizzi li jsiru disponibbli skont din id-Direttiva.
- (12) L-Istati Membri huma mħeġġa jistabilixxu proċedura effettiva għat-trattament tal-ilmenti. L-awtoritajiet tal-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw bejniethom meta jkunu qed jittrattaw ilmenti li jinvolvu elementi transfruntieri (pereżempju standards inkompatibbli fir-rapportar tal-informazzjoni dwar il-bastimenti), peress li 75 % tal-operazzjonijiet fil-passaġġi fuq l-ilma interni jinkludu vjaġġi internazzjonali. Kull trattament tal-ilmenti skont din id-Direttiva jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji skont il-liġijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż ir-Regolament (UE) 2016/679¹³ u r-Regolament (UE) 2018/1725¹⁴.
- (13) L-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jimxu ma' sett ta' prinċipji (b'mod partikolari, dawk inklużi fl-Anness II) biex jiżgura l-implimentazzjoni xierqa u armonizzata tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/44/KE. Dawk il-prinċipji jenħtieġ li jiddeskrivu l-elementi ewlenin li kull komponent tal-RIS irid jinkludi.
- (14) Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-finijiet tal-RIS jenħtieġ li jiżguraw b'mod partikolari li d-data tal-RIS li tikkostitwixxi d-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tkun tista' tiġi pproċessata biss f'konformità ma' sistema komprensiva tal-kontroll tal-aċċess ibbażata fuq id-drittijiet li tipprovdi funzjonalitajiet assenjati, li l-awtoritajiet kompetenti kollha jkun jista' jkollhom aċċess immedjat għal dik id-data skont il-kompetenzi regolatorji rispettivi tagħhom, li jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex ikun żgurat li l-ipproċessar b'mezzi elettroniċi tad-data personali jkun jista' jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ u mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-

¹³ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

¹⁴ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶, inkluż għall-protezzjoni mill-ksur tad-data personali, u li l-ipproċessar tal-informazzjoni kummerċjali sensittiva jkun jista' jsir b'mod li jirrispetta l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

- (15) Biex tkun żgurata n-navigazzjoni sikura u ottimali tal-bastimenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jafu l-pożizzjoni tal-bastimenti kollha fil-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż permezz tad-data tas-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika ("AIS"). L-Istati Membri jenħtieġ li jiskambjaw ukoll informazzjoni relatata mal-RIS biex iżidu l-effiċjenza tal-RIS u jnaqqsu r-rekwiżiti tar-rapportar. Meta t-trażmissjoni u l-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-RIS għal dawn il-finijiet jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, bħall-ipproċessar ta' ismijiet jew l-ipproċessar ta' data ta' lokalizzazzjoni meta tippermetti l-identifikazzjoni, direttament jew indirettament ta' persuna, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-legalità tal-ipproċessar ta' dik id-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE fejn applikabbli.
- (16) [...]
- (17) Meta jkun debitament ġustifikat b'analiżi xierqa, u meta jkunx hemm standards internazzjonali pertinenti u aġġornati li jiżguraw is-sikurezza tan-navigazzjoni, jew meta xi bidliet fil-proċess jew l-eżitu tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumitat Ewropew għat-tfassil tal-istandards fil-qasam tan-navigazzjoni interna (CESNI) ikunu jikkompromettu l-interessi tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emenda tal-Anness III tad-Direttiva 2005/44/KE biex tipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi xierqa għall-RIS skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2005/44/KE biex tħares l-interessi tal-Unjoni.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (18) L-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/44/KE turi li l-perjodu għall-introduzzjoni u l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kien twil, u dan affettwa l-prestazzjoni tas-settur. Għalhekk, hu importanti li jinbidel il-proċess kif jiddaħħlu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.
- (19) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ introduċiet dak il-proċess abbażi ta' speċifikazzjonijiet tekniċi żviluppati mis-CESNI. Filwaqt li jaġixxi fl-awspiċi tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR") u filwaqt li jibqa' miftuħ għal esperti mill-Istati Membri kollha, is-CESNI¹⁸ hu responsabbli għat-tfassil tal-istandards tekniċi fil-qasam tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni. L-esperjenza turi li s-CESNI żviluppa u aġġorna r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna b'mod organizzat u fil-ħin. Filwaqt li jitqiesu l-għarfien espert tas-CESNI u l-esperjenza bl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1629, jenħtieġ li jiġi applikat approċċ simili għad-Direttiva 2005/44/KE.
- (20) Biex ikun żgurat livell għoli ta' sikurezza u effiċjenza fin-navigazzjoni interna, ikun żgurat il-forniment tal-RIS u jitqiesu l-progress tekniku u xjentifiku u żviluppi oħra fis-settur, ir-referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar, l-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS), diment li tkun konformi mal-prinċipji tal-Anness II, jenħtieġ li tkun tiffirma parti integrali iżda mhux essenzjali mid-Direttiva 2005/44/KE, u tinżamm aġġornata. Għalhekk, is-setgħa li jiġu adottati atti li jemendaw l-Anness III tad-Direttiva 2005/44/KE fid-dawl tal-aġġornament tar-referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-RIS u l-iffissar tad-data tal-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE.

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1629/oj>).

¹⁸ Is-CESNI hu stabbilit skont ir-riżoluzzjoni tas-CCNR 2015-i-3.

- (21) Meta tadotta atti delegati, hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁹. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.
- (22) Il-Kumitat dwar iċ-ċertifikati tal-kaptani għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fil-passaġġ fuq l-ilma intern imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/44/KE tneħħa. Minflok, il-Kumitat għat-Trasport tal-Passaġġi fuq l-Ilma Interni li għandu għarfien expert fl-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni hu rilevanti biex jassisti lill-Kummissjoni skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ fir-rigward tal-RIS. Barra minn hekk, din id-Direttiva tintroduċi emendi għall-Artikolu 5 u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2005/44/KE relatati mal-Proċedura ta' Kumitat li jeħtieġ jiġu riflessi f'artikolu aġġornat. Għalhekk, l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/44/KE jenħtieġ li jiġi emendat biex ikun jirrifletti dawn il-bidliet.
- (23) Għall-finijiet ta' regolamentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar, id-Direttiva 2005/44/KE jenħtieġ li tkun tista' tirreferi għall-istandards internazzjonali mingħajr ma tidduplikahom fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni.
- (24) L-RIS ilhom stabbiliti fl-Unjoni mill-2005 u għalhekk l-Istati Membri kisbu esperjenza konsiderevoli fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-funzjonament tal-RIS jinsabu fl-Anness III tad-Direttiva 2005/44/KE. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitħassar l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2005/44/KE. Barra minn hekk, billi jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/44/KE ħalli tiffoka fuq it-TEN-T, ir-rekwiżit li jiġi implimentati l-RIS hu applikabbli

¹⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj?locale=mt.

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

għall-aktar passaġġi fuq l-ilma importanti, u b'hekk jinħoloq network tat-trasport affidabbli. Bħala tali, jenħtieġ li jitħassar l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2005/44/KE.

- (25) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, biex jintlaħaq l-oġġettiv bażiku, jeħtieġ u jixraq jiġi stabbilit qafas għall-forniment tas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar (RIS) fl-Unjoni, li jistabbilixxi regoli dwar it-twaqqif, it-tħaddim u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-RIS. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (26) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fl-20 ta' Marzu 2024²¹.
- (27) Għalhekk, id-Direttiva 2005/44/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

²¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2005/44/KE

Id-Direttiva 2005/44/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-varar u l-użu tas-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS) fl-Unjoni biex jappoġġa t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni ħalli jiżdiedu s-sikurezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tiegħu u biex jiġu ffaċilitati l-interfaċċi ma' mezzi oħra tat-trasport.
2. Din id-Direttiva tipprovdi qafas għall-istabbiliment u l-iżvilupp ulterjuri ta' rekwiżiti tekniċi, speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet li jiżguraw RIS armonizzati, interoperabbli u aċċessibbli fil-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni, u jiffaċilitaw interfaċċi standardizzati ma' servizzi oħra tal-ġestjoni tat-traffiku modali.";

- (2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "1. Din id-Direttiva tapplika għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni tal-RIS fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet interni kollha tal-Istati Membri li huma parti min-network trans-Ewropew tat-trasport, kif speċifikat u elenkat fl-Anness I u II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² u li huma konnessi direttament mal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet interni ta' Stat Membru ieħor li huma parti min-network trans-Ewropew tat-trasport, kif speċifikat u elenkat fl-Anness I u II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.";

²² Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1315/oj>).

(3) fl-Artikolu 3, jiżdedu l-punti li ġejjin:

"(ħa) "network trans-Ewropew tat-trasport" (TEN-T) tfisser passaġġi fuq l-ilma interni kif definit fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(hb) [...];

(hc) [...];

(hd) [...];

(he) "Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tad-Data ta' Referenza" (ERDMS) tfisser repożitorju (librerija) b'punt tal-aċċess uniku ta' data ta' referenza u listi tal-kodiċijiet li jintużaw mill-applikazzjonijiet tal-IT fit-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Ma tinkludix id-data tan-network f'konformità mal-Anness I u l-Anness III mogħtija mill-Istat Membru;

(hf) "Sistema Komunitarja tal-Port" tfisser pjattaforma elettronika għall-iskambju tal-informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati biex ikunu żgurati proċessi portwarji u loġistiċi bla skossi;

(hg) "sistema intelliġenti tal-infrastruttura fil-passaġġi fuq l-ilma interni" tfisser pjattaforma elettronika li tappoġġa l-ġestjoni parzjalment u kompletament awtomatizzata tal-infrastruttura tal-IWT fl-imġhalaq u l-pontijiet mobbli tat-TEN-T, imħaddma mill-awtoritajiet pubbliċi tal-ġestjoni tal-passaġġi fuq l-ilma;

(hh) "Ambjent Ewropew tal-RIS" tfisser pjattaforma elettronika b'punt ta' aċċess uniku mibnija minn informazzjoni nazzjonali tal-RIS għall-utenti tal-RIS u li tipprovdi links għar-rapportar elettroniku skont il-prinċipju ta' "darba biss";

(hi) "Portijiet interni" tfisser port tal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-network ewlieni TEN-T jew tan-network komprensiv TEN-T, kif elenkat u kkategorizzat fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.";

- (4) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Noħolqu l-RIS

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw l-RIS fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet interni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw l-RIS b'tali mod li l-applikazzjoni tal-RIS tkun effiċjenti, espandibbli u interoperabbli biex tinteraġixxi ma' applikazzjonijiet oħra tal-RIS u ma' sistemi għal mezzi oħra tat-trasport, filwaqt li ttipprovdi wkoll interfaċċi għas-sistemi tal-ġestjoni tat-trasport u għall-attivitajiet kummerċjali.
3. Biex jinħolqu l-RIS, l-Istati Membri għandhom:
 - (a) jiżguraw li l-utenti tal-RIS jingħataw id-data rilevanti kollha dwar in-navigazzjoni u l-ippjanar tal-vjaġġi fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Din id-data tan-network, kif definita fl-Anness I, għandha tkun aġġornata u tingħata mill-inqas b'format elettroniku komuni aċċessibbli f'konformità mal-Anness III;
 - (b) jiżguraw li għall-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet interni kollha tagħhom tat-TEN-T, apparti d-data msemmija fil-punt (a), l-utenti tal-RIS ikollhom disponibbli mappep elettroniċi tan-navigazzjoni adattati għal finijiet ta' navigazzjoni;
 - (c) jippermettu li, sa fejn ir-rapportar tal-bastimenti jkun meħtieġ skont regolamenti nazzjonali jew internazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jirċievu rapporti elettroniċi tal-bastimenti tad-data kollha meħtieġa mill-bastimenti. Fit-trasport transfruntier, it-trażmissjoni sħiħa ta' din id-data bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati ġirien għandha tkun tista' ssir qabel il-wasla tal-bastimenti fil-fruntiera;

- (d) jiżguraw li l-avviżi lill-kaptani, inkluż ir-rapporti dwar il-livell tal-ilma (jew l-
għoli massimu permess) u s-silġ tal-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom,
jingħataw bħala messaġġi standardizzati, kodifikati u li jistgħu jitniżżlu. Il-
messaġġ standardizzat għandu mqar ikun fih l-informazzjoni meħtieġa għal
navigazzjoni sikura. L-avviżi lill-kaptani għandhom ikunu aġġornati u
jingħataw imqar b'format elettroniku komuni aċċessibbli;
- (e) [...];
- (ea) jiżguraw li d-data tan-network fl-Ambjent Ewropew tal-RIS tinżamm
aġġornata billi tingħata d-data kollha meħtieġa tan-network definita fl-Anness I
u fl-Anness III mingħajr dewmien;
- (f) jagħmluha aktar faċli li mill-inqas l-informazzjoni relatata mat-traffiku ssir
disponibbli permezz ta' interfaċċi skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti
f'konformità mal-Anness II, §7, fejn applikabbli, għal ambjenti ta' skambju
elettroniku tal-informazzjoni stabbiliti mil-liġijiet tal-Unjoni u użati f'mezzi
oħra ta' trasport;
- (g) [...];
- (h) jiżguraw li interfaċċi standardizzati f'konformità mal-Anness II u l-Anness III
jkunu disponibbli għas-sistemi komunitarji tal-port tal-portijiet interni, inkluż,
fost l-oħrajn, id-disponibbiltà ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, u b'mod
partikolari dawk l-installazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 10 tar-
Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³;
- (i) jiżguraw li interfaċċi standardizzati f'konformità mal-Anness II u l-Anness III
jkunu disponibbli għal sistemi intelliġenti oħra tal-infrastruttura tal-passaġġi
fuq l-ilma interni għall-fini tal-ġestjoni tat-traffiku tax-xmajjar.

²³ Ir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1804/oj>).

L-obbligi msemija f'dan il-paragrafu għandhom jiġu ssodisfati f'konformità mar-rekwiżiti u l-prinċipji stabbiliti fl-Annessi I u II.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċentri tal-RIS skont il-ħtiġijiet reġjonali.
5. L-Istati Membri għandhom joħolqu, jirregolaw, jużaw u jżommu b'mod konġunt Ambjent Ewropew tal-RIS li jipprovdi servizzi relatati mal-kanali navigabbli, l-infrastruttura, it-traffiku u t-trasport u jipprovdi d-data meħtieġa. L-Ambjent Ewropew tal-RIS għandu jkun aċċessibbli għall-utenti kollha tal-RIS u għandu jkun il-pjattaforma ewlenija għall-iskambju tal-informazzjoni relatata mal-RIS. Għandu jkun fiha interfaċċi għal konnessjonijiet mas-sistemi ta' mezzi oħra tat-trasport u portijiet interni. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għall-Ambjent Ewropew tal-RIS.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-karatteristiċi tat-tħaddim, ir-rwoli u l-proċeduri għall-Ambjent Ewropew tal-RIS u li jidentifikaw l-entità operattiva tiegħu, abbażi tal-prinċipji għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-RIS stabbiliti fil-punt 7 tal-Anness II, biex tiżgura l-implimentazzjoni uniformi tagħhom madwar l-Unjoni kollha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 11(2).
7. Għall-użu tas-sistemi tal-identifikazzjoni awtomatika ("AIS"), għandu japplika l-Arranġament Reġjonali dwar is-Servizz Radjukomunikazzjoni fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni (RAINWAT) konkluż f'Bucharest fit-12 ta' April 2012 fil-qafas tar-regolamenti tar-radju tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT).
8. [...].
9. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tivverifika l-interoperabbiltà, l-affidabbiltà, id-disponibbiltà u s-sikurezza tal-RIS.";

(5) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Speċifikazzjonijiet tekniċi

1. Biex jiġu appoġġati l-RIS u tkun żgurata l-interoperabbiltà ta' daww is-servizzi kif meħtieġ mill-Artikolu 4(2), għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif imsemmija fl-Anness III f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness II u dawn għandhom ikopru b'mod partikolari l-oqsma li ġejjin:
 - (a) is-sistema elettronika tal-viżwalizzazzjoni tal-mapep u tal-informazzjoni għan-navigazzjoni interna (l-ECDIS interna);
 - (b) ir-rapportar elettroniku tal-bastimenti;
 - (c) l-avviżi lill-kaptani;
 - (d) is-sistemi tat-trekkjar u tat-traċċar tal-bastimenti;
 - (e) il-kompatibbiltà tat-tagħmir meħtieġ għall-użu tal-RIS;
 - (f) speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tħaddim tal-Ambjent Ewropew tal-RIS;
 - (g) l-interkonnessjoni u l-iskambju tal-informazzjoni mal-bażijiet tad-data tal-Unjoni (ERDMS);
 - (h) interfaċċa standardizzata għall-pjattaformi tal-IT ta' mezzi oħra ta' trasport;
 - (i) interfaċċa standardizzata għas-sistemi komunitarji tal-port u ma' sistemi intelliġenti tal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni;
 - (j) data għan-navigazzjoni, u l-ippjanar tal-vjaġġi."

(5a) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Pożizzjonament bis-Satellita

Għall-fini tal-RIS, li għalihom huwa meħtieġ pożizzjonament eżatt, huwa rrakkomandat l-użu ta' sistemi ta' pożizzjonament u navigazzjoni bis-satellita, bħas-servizzi tan-navigazzjoni pprovduti minn Galileo, inkluż is-Servizz b'Akkuratezza Għolja u l-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi tan-Navigazzjoni b'Servizz Miftuħ u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS). Għall-fini ta' applikazzjonijiet u servizzi li jiddependu fuq data ta' osservazzjoni tad-Dinja, huwa rrakkomandat l-użu ta' data, informazzjoni jew servizzi ta' Copernicus."

- (6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti għall-applikazzjoni tal-RIS, għall-iskambju internazzjonali tad-data, għat-tħaddim tal-Ambjent Ewropew tal-RIS, u għat-trattament tal-ilmenti mill-utenti tal-RIS. Dawn l-awtoritajiet għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni sa ... [sentejn wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].";

- (7) [...]:
- (8) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 9

Regoli dwar il-privatezza, is-sigurtà tal-informazzjoni u l-ipproċessar tad-data personali

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u mal-liġijiet nazzjonali applikabbli biex jipproteġu l-informazzjoni u r-rekords tal-RIS kontra avvenimenti mhux mixtieqa jew użu ħażin, inkluż kontra l-aċċess mhux xieraq, bidla jew telf u biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali u ta' informazzjoni sensittiva oħra skambjata skont din id-Direttiva.
2. Id-data li tikkostitwixxi data personali kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tista' tiġi pproċessata abbażi ta' din id-Direttiva biss sa fejn tali pproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq tal-applikazzjonijiet tal-RIS, bil-ħsieb li jiġu żgurati RIS armonizzati, interoperabbli u aċċessibbli fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni u biex jiġu ffaċilitati interfaċċi standardizzati ma' servizzi oħra ta' ġestjoni tat-traffiku modali."

(9) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Proċedura emendatorja

1. [...]
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a biex temenda l-Anness III billi taġġorna, jekk ikun xieraq fid-dawl tal-kriterji definiti fil-paragrafu 3, u f'konformità mal-prinċipji tal-Anness II, ir-referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-ES-RIS u tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tagħha.
3. Fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi pertinenti u aġġornati, jew meta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi żviluppati mis-CESNI ma jikkonformawx ma' xi rekwiżit applikabbli stabbilit fl-Anness II jew meta bidliet fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-CESNI jew f'elementi oħra tal-istandard ikunu jikkompromettu l-interessi tal-Unjoni u meta jkun debitament ġustifikat minn analiżi xierqa, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a biex temenda l-Anness III ħalli tipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi xierqa bbażati fuq il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II.";

(10) Fl-Artikolu 10a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 10 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin m[id-data tad-dħul fis-seħħ]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi identiċi, ħlief meta l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal din l-estensjoni fi żmien sa tliet xhur qabel tmiem kull perjodu."

(11) Fl-Artikolu 10a, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont dan l-Artikolu għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew.";

(12) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għat-Trasport fl-Ilmijiet Navigabbli Interni. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

²⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

(13) fl-Artikolu 12, jitħassru l-paragrafi 2 u 3.

(14) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 12a

Monitoraġġ

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja t-twaqqif tal-RIS fl-Unjoni u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa ... [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ].";

(15) L-Anness I tad-Direttiva 2005/44/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Direttiva;

(16) L-Anness II tad-Direttiva 2005/44/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva;

(17) It-test stabbilit fl-Anness III ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness III.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ... [3 snin wara d-dħul fis-seħħ]. Dawn għandhom jinformaw lill-Kummissjoni minnufih.
2. Meta l-Istati Membri jadottaw daww id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/44/KE.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

REKWIŻITI MINIMI TA' DATA

Kif imsemmi fl-Artikolu 4(3), il-punt (a), b'mod partikolari, id-data li ġejja għandha tiġi fornita:

- il-linja tal-passaġġ fuq l-ilma b'indikazzjoni kilometrika;
- restrizzjonijiet għal bastimenti jew konvoj f'termini ta' tul, wisa', fundar jew kurrenti tal-arja;
- ħinijiet ta' operazzjoni ta' strutturi restrittivi, b'mod partikolari tal-imġhalaq u ta' pontijiet;
- ħinijiet ta' stennija previsti fil-pontijiet, fl-imġhalaq u fil-portijiet interni;
- pożizzjoni ta' portijiet u siti ta' trazzbord;
- data ta' referenza għal kejl standard tal-livell tal-ilma rilevanti għan-navigazzjoni;
- post tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

L-informazzjoni pprovduta għandha tkun aġġornata.

PRINĊIPJI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAL-RIS

1. Prinċipji ġenerali

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-RIS għandhom jirrispettaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

- (a) l-indikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-użu operattiv tas-servizzi u s-sistemi relatati;
- (b) l-arkitettura u l-organizzazzjoni tal-RIS;
- (c) ir-rakkomandazzjonijiet għall-bastimenti biex jipparteċipaw fl-RIS, għal servizzi individwali u għall-iżvilupp gradwali tal-RIS.

2. ECDIS Interna

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jridu jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5 għas-sistema elettronika li turi l-mapep u l-informazzjoni (ECDIS Interna) għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) il-kompatibbiltà mal-ECDIS marittima biex ikun faċilitat it-traffiku tal-bastimenti interni f'żoni tat-traffiku mħallat bi traffiku estwarju u traffiku bejn il-baħar u x-xmajjar;
- (b) id-definizzjoni ta' rekwiżiti minimi għat-tagħmir tal-ECDIS interna, u l-kontenut minimu tal-mapep elettroniċi tan-navigazzjoni, bil-għan tas-sikurezza fin-navigazzjoni, b'mod partikolari:
 - (a) livell għoli ta' affidabbiltà u aċċessibbiltà tat-tagħmir tal-ECDIS interna użat;
 - (b) ir-robustezza tat-tagħmir tal-ECDIS interna biex ikun jiflaħ għall-kundizzjonijiet ambjentali tipiċi abbord il-bastimenti, bla ma jitnaqqru l-kwalità jew l-affidabbiltà;
 - (c) il-mappa elettronika tan-navigazzjoni tkun tinkludi kull tip ta' oġġetti ġeografiċi (eż. il-konfini tal-kanali navigabbli, il-binjiet mal-linji tal-kosta, is-sinjali markaturi) tant meħtieġa għal navigazzjoni sikura;

- (d) il-monitoraġġ tal-mappa elettronika b'immaġni sovrapposta tar-radar meta tintuża għat-treġġja tal-bastiment;
- (c) il-mappa elettronika tan-navigazzjoni tkun tinkludi informazzjoni aġġornata dwar il-fond fil-kanali navigabbli u din tintwera għal livell tal-ilma predefinit jew attwali;
- (d) il-mappa elettronika tan-navigazzjoni tkun tinkludi ċertu informazzjoni addizzjonali (eż. dwar partijiet oħrajn li mhumiex l-awtoritajiet kompetenti) u din tintwera fl-ECDIS interna mingħajr ma tintmess l-informazzjoni meħtieġa għal navigazzjoni sikura;
- (e) il-mapep elettroniċi tan-navigazzjoni jkunu disponibbli għall-utenti tal-RIS;
- (f) id-data tal-mapep elettroniċi tan-navigazzjoni tkun disponibbli għall-manifatturi kollha tal-applikazzjonijiet, meta xieraq bi ħlas raġonevoli skont il-kost;
- (g) tkun inkluża informazzjoni aġġornata dwar il-ħinijiet tal-istennija fl-imġhalaq, fil-pontijiet u fil-portijiet interni, u din tintwera fl-ECDIS interna mingħajr ma tintmess l-informazzjoni meħtieġa għal navigazzjoni sikura.

3. Ir-rapportar elettroniku tal-bastimenti

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rapportar elettroniku tal-bastimenti involuti fin-navigazzjoni interna f'konformità mal-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) il-faċilitazzjoni tal-iskambju tad-data elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bejn il-parteċipanti fin-navigazzjoni interna u marittima u fit-trasport multimodali li jinvolti n-navigazzjoni interna;
- (b) l-użu ta' sistema standardizzata tal-messaġġ ta' notifika tat-trasport għall-messaġġi bejn il-bastimenti u l-awtoritajiet, bejn l-awtoritajiet u l-bastimenti, u bejn l-awtoritajiet biex tinkiseb il-kompatibbiltà man-navigazzjoni marittima;
- (c) l-użu ta' listi ta' kodiċi u klassifikazzjonijiet aċċettati internazzjonalment, possibbilment miżjuda biex ikunu jgħoddu għal ħtiġijiet addizzjonali tan-navigazzjoni interna;
- (d) l-użu ta' numru tal-identifikazzjoni uniku għall-bastimenti Ewropej.

4. Avviżi lill-kaptani

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-avviżi lill-kaptani f'konformità mal-Artikolu 5, b'mod partikolari b'rabta mal-informazzjoni tal-kanali navigabbli, l-informazzjoni u l-amministrazzjoni tat-traffiku, u l-ippjanar tal-vjaġġi, għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) struttura standardizzata tad-data li tuża moduli predefiniti tat-test u kodifikati f'livell għoli biex tkun tista' ssir it-traduzzjoni awtomatika tal-aktar kontenut importanti għal lingwi oħra u biex teħfief l-integrazzjoni tal-avviżi lill-kaptani fis-sistemi tal-ippjanar tal-vjaġġi;
- (b) kompatibbiltà tal-istruttura standardizzata tad-data mal-istruttura tad-data tal-ECDIS interna biex teħfief l-integrazzjoni tal-avviżi lill-kaptani fl-ECDIS interna;
- (c) allinjament mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għan-navigazzjoni u l-ippjanar tal-vjaġġi biex tkun żgurata l-koerenza tal-informazzjoni mogħtija.

5. Sistemi tat-trekkjar u tat-traċċar tal-bastimenti

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistemi tat-traċċar u r-rintraċċar tal-bastimenti f'konformità mal-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) id-definizzjoni tar-rekwiżiti dwar is-sistemi u tal-messaġġi standard, u tal-proċeduri biex ikunu jistgħu jingħataw b'mod awtomatiku;
- (b) id-divrenzjar bejn is-sistemi adegwati għar-rekwiżiti tal-informazzjoni tattika tat-traffiku u s-sistemi adegwati għar-rekwiżiti tal-informazzjoni strateġika tat-traffiku, fir-rigward tal-preċiżjoni fil-pożizzjonament u fir-rigward tar-rata tal-aġġornament meħtieġa;
- (c) id-deskrizzjoni tas-sistemi tekniċi rilevanti għat-traċċar u r-rintraċċar tal-bastimenti, bħall-AIS interna (sistema interna tal-identifikazzjoni awtomatika);
- (d) il-kompatibbiltà tal-formati tad-data mas-sistema marittima tal-AIS.

6. Prinċipji tal-Ambjent Ewropew tal-RIS

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Ambjent Ewropew tal-RIS f'konformità mal-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) ikunu tieqa diġitali unika għan-navigazzjoni interna;
- (b) punt uniku u armonizzat tal-aċċess għal informazzjoni aġġornata, jekk possibbli fil-ħin reali, dwar il-kundizzjonijiet fil-kanali navigabbli għal navigazzjoni, ippjanar u operazzjonijiet portwarji sikuri u sostenibbli tul it-TEN-T;
- (c) jippermettu li jitħaddmu ktajjen tat-trasport multimodali, filwaqt li tilħaq livell xieraq tal-protezzjoni tad-data;
- (d) livell għoli ta' preċiżjoni tad-data għal skambju bla xkiel tad-data fost l-utenti rilevanti tal-RIS tul it-TEN-T (fl-Unjoni u barra minnha);
- (e) interfaċċa faċli għall-utenti b'funzjonalitajiet utli u prattiċi li jistgħu jittejjbu, fosthom il-possibbiltà tissejvja u taħżen il-profil;
- (f) punt uniku u armonizzat tar-rapportar f'konformità mal-prinċipju ta' "darba biss", anki għal vjaġġi internazzjonali;
- (g) rabta ma' sistemi oħra li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u tal-pożizzjonament/lokalizzazzjoni biex jimmaniġġjaw l-infrastruttura, il-mobbiltà u t-traffiku fuq it-TEN-T b'mod effettiv u biex jingħataw servizzi tal-valur miżjud liċ-ċittadini u lill-operaturi, inkluż sistemi biex in-network jintuża b'mod sigur, mingħajr perikli, favur l-ambjent u b'effiċjenza tal-kapaċitajiet;
- (h) ikunu jiġbru u jirrapportaw data anonimizzata u aggregata dwar l-użu li tista' tintuża għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RIS, inkluż imqar l-għadd ta' utenti tal-RIS, id-disponibbiltà tad-data fl-Ambjent Ewropew tal-RIS, il-konnessjoni u l-għadd ta' skambji ma' sistemi jew pjattaformi diġitali oħra;
- (i) jiżguraw iċ-ċibersigurtà.

7. Disponibbiltà tad-data għal sistemi jew pjattaformi diġitali oħra

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskambju tad-data ma' sistemi jew pjattaformi diġitali oħra, f'konformità mal-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) jibnu fuq il-funzjonalitajiet mogħtija mill-Ambjent Ewropew tal-RIS;
- (b) jiffaċilitaw l-iskambju elettroniku tad-data bejn it-teknoloġiji tal-RIS u l-bażijiet tad-data u s-sistemi li jintużaw minn modi oħra tat-trasport, b'konnessjonijiet u interfaċċi xierqa tad-data;
- (c) id-definizzjoni tar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi u fir-rigward tal-proċeduri għall-iskambju awtomatizzat tad-data;
- (d) l-iskambju tal-informazzjoni fil-ħin reali b'mod partikolari għad-data kritika fil-ħin;
- (e) jiġi żgurat l-iskambju sigur tal-informazzjoni f'konformità ma' sistema komprensiva b'kontroll tal-aċċess ibbażat fuq id-drittijiet;
- (f) jantiċipaw sistema qafas ta' skambju li jkunu jistgħu jsirulha żviluppi futuri u li tintrabat ma' sistemi addizzjonali kif meħtieġ, inkluż skambji mal-Ispazju Ewropew futur tad-Data dwar il-Mobbiltà u ma' kull sistema oħra maħsuba biex tippromwovi l-innovazzjonijiet fit-trasport multimodali.

8. [...]

[...]

- (a) [...]
- (b) [...]
- (c) [...]
- (d) [...]
- (e) [...]
- (f) [...]

9. Data għan-navigazzjoni, u l-ippjanar tal-vjaġġi

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għad-data għan-navigazzjoni u l-ippjanar tal-vjaġġi f'konformità mal-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) jagħtu informazzjoni aġġornata f'intervalli regolari u mill-inqas meta jsiru bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni fil-kanali navigabbli li jistgħu jimpattaw in-navigazzjoni;
- (b) ikopru mqar l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-ħinijiet tal-istennija previsti fl-imġhalaq, fil-pontijiet (mobbli) u fil-portijiet interni;
 - (a1) data dwar in-network Ewropew tal-passaġġi fuq l-ilma meħtieġa għan-navigazzjoni u għall-ippjanar tal-vjaġġi u li tkopri mill-inqas ir-rekwiżiti minimi li jinsabu fl-Anness I;
 - (b) il-livell tal-ilma, l-inqas fond imkejjel, il-fond ħieles, l-istat tal-milqgħa jekk tkun qed timblokka n-navigazzjoni, ir-reġim, il-livell previst tal-ilma, l-inqas fond imkejjel imbassar;
 - (c) is-sitwazzjoni tas-silġ u n-navigabbiltà relatata;
 - (d) il-ħinijiet operatorji tal-imġhalaq, tal-pontijiet (mobbli) u tal-portijiet interni.
 - (e) [...]
- (c) jagħtu l-informazzjoni permezz tal-ECDIS Interna, l-Avvizi lill-Kaptani u l-Ambjent Ewropew tal-RIS kif xieraq.

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAL-RIS

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-RIS għandhom ikunu daww stabbiliti fl-[ES-RIS 2023/1].
